# RAĦAL LI JSIR BELT

## It-Tieni Parti

Minn Jesmond Grech
B. Ed (Hons), M. Ed.

Fir-raħal kien hemm ukoll grupp ta' kjeriċi, li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof u mhux tal-Gran mastru jew ta' l-Inkiżitur. Fl-1798 fis-Siġġiewi kien hemm 14-il kjeriku b'etajiet bejn il-15 u s-60 sena, xi wħud għożżieba bħal Michael Angelus Balzan ta' 37 sena (16) u oħrajn miżżewġa bħal Nicolaus Zarb li ta' 60 sena kien l-ixjeħ kjeriku u kien jgħix ma' martu Gratia, seba' snin akbar minnu(17). F'familja stajna nsibu aktar minn kjeriku wieħed bħal dik tal-kjeriku Cajetanus Balzan li kellu ibnu Nicolaus, żagħżugħ ta' 15-il sena l-iżgħar kjeriku tar-raħal (18). Familji oħra kienu jagħtu lill-knisja Qassis u kjeriku. Hekk għamlet il-familja Farrugia li kienet tgħodd, fost il-membri taghha, lill-kjeriku Franciscus u lil Don Pasqualis (19). Hemm ukoll għadd ġmielu ta' *bisocche* li kienu nisa li jilbsu qishom sorijiet iżda ma jeħdux il-voti kollha bħal reliġjużi. B'kollox kien hemm 19-il bisocca fil-parti l-bbira tagħhom xebbiet għalkemm insibu lil "soror" Anna Tabone ta' 46 sena li kienet l-armla ta' paolo(20). Kuntrarju għall-kjeriċi, ma nsibu l-ebda bisocca miżewġa.

**Nies ta' kull xorta**

Iżda, bħalma wieħed jista' jobsor, mhux is-Siġġiwin kollha li marru jifirħu bil-Gran Mastru Hompesch nhar il-festa ta' San Nikola, kienu qaddisin jimxu fl-art! Fl-*istatus Animarum* ta' l-1798, bħal f'dokumenti oħra simili ta' snin oħrajn, insibu l-lista tal-*Interdicti et Contumaces* jiġifieri dawk li ma resqux lejn it-tqarbin u, fil-fehma tal-Kappilln, kienu qeghdin igħixu fi stat kontinwu tad-dnub. Fil-lista s-sewda li ġġib it-titlu ta' *Qui paschale Praeceptum non adimpiere hoc anno 1798* insibu għoxrin isem li bosta minhom niltaqgħu magħhom fil-listi tas-snin ta' qabel. Nerġgħu nsibu lil Paulus Farrugia u Maria Dimech li kellhom "ħbiberija ħażina u skandaluża" tul erbatax-il sena sħaħ(21). L-istess ngħidu għal Antonius Borg u Liberata Aquilina (22), Josephus Mallia, iben Jo.Maria, mhux biss għamel ħabta jieħu konfidenzi żejda ma' bosta nisa iżda f'dik is-sena kien qiegħed jiftaħar li kellu konfidenzi ma' qariba tiegħu (23). Insibu wkoll lil Josephus Mallia ieħor, iben Nicolai, mill-Birgu iżda residenti ġos-Siġġiewi li kien abbanduna għal kollox lil martu u kien qiegħed jgħix ma' oħra(24). Anki n-nuqqas ta' heġġa u tagħlim fir-reliġjon seta jkun kawża ta' ċanfira mill-kappillan. Hekk gralku Michael De Gambin li ġie mwissi għaliex instab biered fid-duttrina(25).

Dawn li rajna kienu wħud min-nies li lejn tmiem is-seklu 18 kienu jikkomponu lil *Civitatis Ferdinandi.* B'xorti ħażina però, is-Siġġiewi ma tantx gawdew it-titlu l-ġdid tagħhom għaliex, wara ftit xhur, Hompesch u l-kavallieri leali lejh tkeċċew minn Malta minn Napuljun u kellhom jerħulha lejn Trieste fit-18 ta' Ġunju 1798.(26)Tul l-amministrazzjoni qasira repubblikana, Is-Siġġiewi, Il-Qrendi u L-Imqabba kienu Municipalità ghalihom b'kumitat responsabbli presedut mit-tabib tas-Siġġiewi Mikelanġ Azzopardi. F'dan il-kumitat kien hemm ukoll Karlu Saliba u Nikol Camilleri, żewġ benestanti Siġġiwin. (27) Iżda, bħalma jaf kulħadd, id-destin ried li l-muniċipalitajiet li waqqfu l-Franċiżi jisfaxxaw wara ftit xhur; ir-rewwixta tal-Maltin kontra l-ħakkiema kienet bdiet u n-nies tas-Siġġiwin kienu minn ta' quddiem fit-taqbida!

Referenzi:

(1) Fiorini., "*Status Animarum I: A Unique Source for 17th and 18th Century Maltese Demography*", f'Melita Historica, vol.III, no. 4, 1983, pp. 325-343.
(2) Galea, M., Ferdinand Von Hompesch; *A German Grand Master in Malta*, 1976, p. 12.
(3) A(rkivji) ta' l-O(rdni) ta' M(alta), Ms.623, f.208 r+v.
(4) Testa, C., The Life and Times of *Grand Master Pinto* 1741-1773, 1989, p.36.
(5) C(uria) E(piscopalis) M(elitensis) St. A. 15 p.lr.
(6) Fiorini, S. op. cit., p. 335
(7) A.O.M., Ms. 623, f.209r.
(8) ara tbella 1 f' Fiorini, S., op. cit.
(9) CEM, St. A. 15, p.25r
(10)CEM, St. A. 7. p.21.r.
(11)CEM, St.A.15,p.lr
(12)ibid.,p.5v
(13)ibid.,p.6v.
(14)ibid.,p.3v.
(15)ibid.,p.23r.
(16)ibid.,p.2r.
(17)ibid.,p.3r.
(18)ibid.,p.4v.
(19)ibid.,p.6r.
(20)ibid.,p.5v.
(21)ibid.,p.25r
(22)ibid
(23)ibid
(24)ibid
(25)ibid.
(26)Galea, M., op. cit., p.35
(27)Testa.C., Maż-Żewġ Naħat tas-Swar, vol. 1.pp139-40

**TMIEM**